



PARLAMENT EWROPEW

2009 – 2014

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

2010/0064(COD)

18.11.2010

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-
ġlieda kontra l-abbuż sesswali, l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-
pedopornografija, li tirrevoka d-Deċiżjoni Qafas 2004/68/ĠAI
(COM(2010)0094 – C7-0088/2010 – 2010/0064(COD))

Rapporteur: Petra Kammervert

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

1. B'din il-proposta ta' Direttiva, il-Kummissjoni biħsiebha tippromwovi l-ġlieda kontra tal-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali kif ukoll kontra r-rappreżentazzjoni ta' atti sesswali li jinvolvu persuni taħt it-18-il sena.
2. Il-proposta hija bbażata fuq tliet punti: li l-atti kriminali f'dan il-qasam qed jiżdiedu, l-iżvilupp tal-komunikazzjoni moderna jkompli jaggrava l-problema u d-dispożizzjonijiet legali tal-Istati Membri tal-UE mhumiex stretti biżżejjed u lanqas ma huma konsistenti biżżejjed.
3. Il-proposta fiha dispożizzjonijiet li jiddefinixxu r-reati u l-penali. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom l-għan li jilhqgħu l-għanijiet imsemmija fil-paragrafu 1.
4. Huwa dubjuż jekk dawn l-għanijiet humiex se jintlaħqu permezz ta' din il-proposta:
 - a) Il-kontenut tal-midja elettronika li jirrappreżenta atti sesswali li jinvolvu persuni taħt it-18-il sena għandu jitneħħa kemm jista' jkun malajr. L-imblukkar ta' websajts ipprattikat f'xi Stati Membri juri li dawn il-miżuri jistgħu faċilment jixxejnu mill-utenti. L-imblukkar tal-websajts mhuwiex mod effettiv fil-ġlieda kontra dawn ir-rappreżentazzjonijiet. Dan huwa metodu ineffiċjenti, mhuwiex preċiż u jista' jiġi newtralizzat faċilment. Huwa ma jinvolvi it-tneħħija tal-kontenut, iżda biss nuqqas ta' aċċessibilità relattiva, li ma jneħħix l-illegalità tal-aċċess.
 - b) L-Istati Membri tal-UE u l-kumpaniji tat-telekomunikazzjoni li joperaw fit-territorju tagħhom għandhom networks transnazzjonali operattivi li normalment jiggarrantixxu li jitħassar malajr il-kontenut. Pubblikazzjonijiet reċenti dwar il-lista ta' websajts imblukkati fil-pajjiżi Skandinavi juru li ħafna mis-servers jinsabu fl-Istati Uniti, l-Awstralja, l-Olanda u l-Ġermanja. Sa issa m'hemm l-ebda evidenza li tissuġġerixxi li l-fornituri tal-kontenut jemigraw lejn pajjiżi fejn it-tħassir ma jkunx possibbli jew li jehtiegħ ħafna ħin.
 - c) Il-ħolqien ta' ostakoli tekniċi jista' jikkontrolla l-fluss tal-komunikazzjoni fuq skala kbira u jwassal għax-xewqa għal kontenut projbit ieħor jew sempliċiment kontenut mhux mixtieq. Ladarba jiġi stabbilit l-istrument ta' mblukkar tal-websajts, din l-għodda se tintuża mhux biss għall-ġlieda kontra r-rappreżentazzjoni tal-atti sesswali li jinvolvu persuni taħt it-tmintax-il sena fl-internet. Il-listi ta' websajts imblukkati jistgħu jwasslu għall-ksur tal-prinċipju fundamentali tan-newtralità tal-internet.
 - d) Strateġija multidimensjonali hija meħtieġ biex issaħħaħ u ttejjeb il-kooperazzjoni bejn il-forzi tal-pulizija, in-negozji li joperaw fuq l-internet, l-entitajiet eżistenti għall-ilmenti fuq l-internet u n-netwerk fornitur INHOPE.
 - e) Il-mekkaniżmi għall-imblukkar tal-aċċess idgħajfu l-fiduċja fil-libertà tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni fuq l-internet. Għaldaqstant mhuwiex possibbli li jiġi aċċettat il-prinċipju ta' "aħjar tħassar milli timblokka", billi li dan ukoll se jehtiegħ it-twaqqif ta' infrastruttura ta' mblukkar. Wieħed jistenna li l-imblukkar se jwaqqaf biss

lill-persuni li jwettqu reati mhux ta' spiss, u għalhekk dan ma jistax jiġġustifika dan l-indiġnità estensiv fil-libertà tal-informazzjoni.

- f) Il-miżuri biex jikkumbattu r-rappreżentazzjoni ta' atti sesswali li jinvolvu persuni taħt it-18-il sena ma jistgħux jiġu limitati għall-web servers. Jeħtieġ li jkun hemm metodu li jinkludi wkoll l-iskambju ta' kontenut bħal dan permezz ta' FTP, e-mail, peer-to peer networks u t-telefonija bil-mowbajl.
 - g) Il-ħtieġa li t-tfal u ż-żgħażaġh jitħarsu matul il-proċess tal-maturazzjoni sesswali tagħhom għandha tiġi evalwata b' mod differenzjali speċifikament fil-liġi kriminali dwar ir-reati sesswali. Mingħajr differenzjazzjoni bħal din, il-qasam ta' reati kriminali li jirrigwardaw l-isfruttament sesswali jiġi estiż ferm f'diversi Stati Membri tal-UE.
 - h) Hemm bżonn ta' strateġija globali ġenerali biex tittratta l-isfruttament sesswali taż-żgħażaġh. Għal dan il-għan, tajjeb li l-Kummissjoni, safejn din tista', tiegħu l-inizjattiva li twassal għal ftehimiet internazzjonali vinkolanti.
5. Għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, hemm dubji serji dwar jekk l-għanijiet stipulati fil-proposta għal direttiva jistgħux jintlaħqu permezz tal-miżuri proposti.

Għalhekk il-punti ewlenin tal-proposta tar-rapporteur huma:

- *Iċ-ċaħda ta' dispożizzjonijiet speċifiċi għall-istabbiliment ta' mekkaniżmi għall-imblukkar tal-internet u l-inkoraġġiment fl-Ewropa kollha għat-tħassir tal-kontenut li d-Direttiva trid tikkumbatti.*
- *Abbandun ta' definizzjoni li tgħodd għall-Ewropa kollha tat-termini "tfal" u "pedopornografija".*
- *In-nuqqas tal-introduzzjoni ta' responsabbiltà kriminali għal persuni legali.*
- *In-nuqqas tal-introduzzjoni ta' obbligu li jiġu rrapportati l-isfruttament sesswali jew l-abbuż sesswal suspettati.*
- *In-nuqqas ta' penali konkreti għar-reati definiti.*
- *Protezzjoni msaħħa għall-vittmi u miżuri ta' prevenzjoni msaħħa kemm fuq il-livell tal-UE u kemm fuq il-livell tal-Istati Membri.*
- *It-tisħiħ u l-organizzazzjoni aġġornata ta' arranġamenti ta' kooperazzjoni internazzjonali għat-tħassir tal-kontenut, il-prosekuzzjoni tar-reati, il-protezzjoni tal-vittmi u l-prevenzjoni.*

EMENDI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal direttiva
Titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali, l-isfruttament sesswali ***tat-tfal*** u ***l-pedopornografija***, li tirrevoka d-Deċiżjoni Qafas 2004/68/ĠAI

Emenda

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali, l-isfruttament sesswali ***tal-persuni taħt it-18-il sena u r-rappreżentazzjoni ta' atti sesswali li jinvolvuhom***, li tirrevoka d-Deċiżjoni Qafas 2004/68/ĠAI

Emenda 2

**Proposta għal direttiva
Premessa 1**

Test propost mill-Kummissjoni

(1) L-abbuż *sesswali* u l-isfruttament sesswali *tat-tfal*, inkluża ***l-pedopornografija***, jikkostitwixxu vjolazzjonijiet serji tad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari d-drittijiet *tat-tfal* għall-protezzjoni u l-kura kif meħtieġ għall-ġid tagħhom kif stipulat mill-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet *tat-Tfal* u l-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Emenda

(1) L-abbuż *sesswali* u l-isfruttament sesswali *tat-tfal*, inkluża ***r-rappreżentazzjoni ta' atti sesswali li jinvolvu persuni taħt it-18-il sena***, jikkostitwixxu vjolazzjonijiet serji tad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari d-drittijiet *tat-tfal* għall-protezzjoni u l-kura kif meħtieġ għall-ġid tagħhom kif stipulat mill-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet *tat-Tfal* u l-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Emenda 3

**Proposta għal direttiva
Premessa 1 a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) F'dan ir-rigward għandha titqies it-tifsira tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-20 ta' Novembru 1989 dwar id-Drittijiet tat-Tfal, b'mod partikolari l-Artikoli 19 u 34 tagħha, kif ukoll il-Protokoll Fakoltattiv tal-25 ta' Mejju 2000 għall-Konvenzjoni dwar il-Bejgħ tat-Tfal, il-Prostituzzjoni tat-Tfal u l-Pornografija tat-Tfal.

Emenda 4

Proposta għal direttiva Premessa 1 b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1b) F'dan ir-rigward għandha titfakkar l-importanza tal-Artikolu 16 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li jikkonsagra d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali.

Emenda 5

Proposta għal direttiva Premessa 1 c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1c) F'dan ir-rigward għandha titfakkar l-importanza tal-Artikolu 7, 8, 11 u 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsagraw id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali, id-dritt għal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, kif ukoll id-drittijiet tat-tfal.

Emenda 6

Proposta għal direttiva Premessa 1 d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1d) F'dan ir-rigward għandha titfakkar l-importanza tal-Artikoli 8 u 10 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, li jikkonsagraw id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja u d-dritt għal-libertà tal-espressjoni.

Emenda 7

Proposta għal direttiva Premessa 2

Proposta tal-Kummissjoni

(2) **Il-pedopornografija, li tikkonsisti f'immaġini ta' abbuż** sesswali **tat-tfal**, u forom oħra ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali **tat-tfal partikolarment serji** qed jiżdiedu u jinfirxu permezz tal-użu ta' teknoloġiji ġodda u tal-internet.

Emenda 8

Proposta għal direttiva Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) **Id-Deċiżjoni-Qafas** tal-Kunsill 2004/68/ĠAI dwar il-ġlieda kontra l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-**pornografija tat-tfal** tqarreb il-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri sabiex tikkriminalizza l-iktar forom ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali **tat-tfal**, testendi l-**ġurisdizzjoni** domestika, u tipprovdi għal livell minimu ta' assistenza lill-vittmi. Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI dwar id-drittijiet tal-vittmi fi proċedimenti kriminali tistabbilixxi sett ta' drittijiet tal-vittmi fi proċedimenti kriminali, inkluż id-dritt għall-protezzjoni u għall-kumpens. Barra minn hekk, il-koordinazzjoni tal-prosekuzzjoni ta' każi ta' abbuż sesswali, l-isfruttament sesswali **tat-tfal u l-pedopornografija** se tiġi ffaċilitata bl-adozzjoni tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/948/ĠAI dwar il-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' kunflitt ta' ġurisidizzjoni fi proċedimenti kriminali.

Emenda

(2) **Ir-rappreżentazzjoni ta' atti** sesswali **li jinvolvu persuni taħt it-18-il sena** u forom oħra ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali **ta' persuni taħt it-18-il sena** qed jiżdiedu u jinfirxu permezz tal-użu ta' teknoloġiji ġodda u tal-internet.

Emenda

(3) **Id-Deċiżjoni Qafas** tal-Kunsill 2004/68/ĠAI dwar il-ġlieda kontra l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-**pedopornografija** tqarreb il-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri sabiex tikkriminalizza l-iktar forom **serji** ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali **tal-persuni taħt it-18-il sena, biex** testendi l-**ġurisdizzjoni** domestika, u tipprovdi għal livell minimu ta' assistenza lill-vittmi. Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI dwar id-drittijiet tal-vittmi fi proċedimenti kriminali tistabbilixxi sett ta' drittijiet tal-vittmi fi proċedimenti kriminali, inkluż id-dritt għall-protezzjoni u għall-kumpens. Barra minn hekk, il-koordinazzjoni tal-prosekuzzjoni ta' każi ta' abbuż sesswali, l-isfruttament sesswali **tal-persuni taħt it-18-il sena u r-rappreżentazzjoni ta' atti sesswali li jinvolvu tali persuni** se tiġi ffaċilitata bl-adozzjoni tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/948/ĠAI dwar il-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' kunflitt ta'

ġurisidizzjoni fi proċedimenti kriminali.

Emenda 9

Proposta għal direttiva

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Reati kriminali serji bħalma huma l-isfruttament sesswali ***tat-tfal u l-pedopornografija*** jeħtieġu approċċ komprensiv li jkopri l-prosekuzzjoni tat-trasgressuri, il-protezzjoni tal-vittmi ***tfal***, u l-prevenzjoni tal-fenomenu. L-aħjar interessi ***tat-tfal iridu*** jkunu ***l-ewwel*** kunsiderazzjoni meta jkunu qed jitwettqu kwalunkwe miżuri biex jikkumbattu dawn ir-reati skont il-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal. Sabiex jintlaħaq dan il-għan id-Deċiżjoni Qafas 2004/68/ĠAI teħtieġ tiġi sostitwita bi strument ġdid li jipprovdi tali kwadru legali komprensiv.

Emenda

(5) Reati kriminali serji bħalma huma ***l-abbuż sesswali***, l-isfruttament sesswali ***ta' persuni taħt it-18-il sena u r-rappreżentazzjoni ta' atti sesswali li jinvolve persuni taħt it-18-il sena*** jeħtieġu approċċ komprensiv li jkopri l-prosekuzzjoni tat-trasgressuri, il-protezzjoni tal-vittmi ***taħt it-18-il sena***, u l-prevenzjoni tal-fenomenu. L-aħjar interessi ***tal-vittmi taħt it-18-il sena jridu*** jkunu kunsiderazzjoni ***prijoritarja*** meta jkunu qed jitwettqu kwalunkwe miżuri biex jikkumbattu dawn ir-reati skont il-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal. Sabiex jintlaħaq dan il-għan id-Deċiżjoni Qafas 2004/68/ĠAI teħtieġ tiġi sostitwita bi strument ġdid li jipprovdi tali kwadru legali komprensiv.

Emenda 10

Proposta għal direttiva

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) Forom serji ta' abbuż ***sesswali tat-tfal*** u l-isfruttament għandhom ikunu suġġetti għal sanzjonijiet effettivi, ***proporzjonali u dissważivi. Dan jinkludi, b'mod partikolari, diversi*** forom ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali ***ffaċilitat mill-użu ta' teknoloġiji*** tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni. ***Id-definizzjoni ta' pedopornografija għandha tkun iċċarata***

Emenda

(6) Forom serji ta' abbuż u l-isfruttament ***sesswali ta' persuni taħt it-18-il sena kif ukoll ir-rappreżentazzjoni ta' attivitajiet ta' dan it-tip, inkluż permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni***, għandhom ikunu suġġetti għal sanzjonijiet effettivi u ***proporzjonali. L-approċċ meħud mill-Istati Membri għad-diversi*** forom ta' abbuż sesswali u

u tinġieb iktar qrib għal dik li tinsab fi strumenti internazzjonali.

sfruttament sesswali *jrid jirreaġixxi għall-avvanzi fit-teknoloġiji* tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, *u r-rwol li dawn is-swieq jista' jkollhom fil-produzzjoni u d-disseminazzjoni ta' materjal ta' dan it-tip.*

Emenda 11

**Proposta għal direttiva
Premessa 6 a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6a) Biex jiġu miġġielda b'mod effikaċi l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali ta' persuni taħt it-18-il sena u r-rappreżentazzjoni ta' atti sesswali li jinvolvu tali persuni, hemm bżonn ta' approċċ olistiku li jgħaqqad il-kastig għall-awtur tar-reat ma' protezzjoni komprensiva tal-vittmi u miżuri preventivi effikaċi fl-Istati Membri. L-approċċ preventi għandu fuq kollox ikollu impatt ċar u deġġjemi fuq il-mod kif in-nies jiġu mgħallma jużaw il-mezzi ġodda ta' komunikazzjoni, eż. l-internet.

Emenda 12

**Proposta għal direttiva
Premessa 7**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7) Din id-Direttiva ma tirregolax il-politiki tal-Istati Membri rigward attivitajiet sesswali konsenswali li fihom ***jistgħu jkunu involuti t-tfal*** u li jistgħu jiġu kkunsidrati bħala l-iskoperta normali tas-sesswalità fil-kors tal-iżvilupp uman, filwaqt li jittieħed kont tat-tradizzjonijiet kulturali u legali differenti u ta' forom ġodda fejn jiġu stabbiliti u mantnuti relazzjonijiet fost ***it-tfal u l-adolesxenti***,

(7) Din id-Direttiva ma tirregolax il-politiki tal-Istati Membri rigward attivitajiet sesswali konsenswali ***u*** li fihom ***jipparteċipaw persuni li huma qrib xulxin fl-età, li mill-inqas persuna waħda minnhom tkun taħt it-tmintax il-sena***, u li jistgħu jiġu kkunsidrati bħala l-iskoperta normali tas-sesswalità fil-kors tal-iżvilupp uman, filwaqt li jittieħed kont tat-tradizzjonijiet kulturali u legali differenti u

inkluż permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni.

ta' forom ġodda fejn jiġu stabbiliti u mantnuti relazzjonijiet fost ***iż-żgħażaġh***, inkluż permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni.

Emenda 13

Proposta għal direttiva Premessa 7 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7a) Fl-istess ħin, wieħed irid jirrimarka li d-differenzi fit-tradizzjonijiet kulturali u legali ma jistgħux jiġġustifikaw il-fastidju sesswali ta' persuni taħt it-18-il sena u r-rappreżentazzjoni ta' atti sesswali li jinvolvuhom.

Emenda 14

Proposta għal direttiva Premessa 8

Proposta tal-Kummissjoni

Emenda

(8) L-investigazzjoni tar-reati u l-akkużi fi proċedimenti kriminali għandhom jiġu ffaċilitati, u jittieħed kont tad-diffikultà tal-vittmi tfal biex jirrapportaw l-abbuż u l-anonimità tat-trasgressuri fuq l-internet. Sabiex ikun żgurat is-suċċess tal-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet tar-reati imsemmijin f'din id-Direttiva, għandhom ikunu disponibbli għodod effettivi tal-investigazzjoni lil dawk responsabbli għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' tali reati. Dawn ***l-għodod jistgħu jinkludu operazzjonijiet sigrieti, l-interċezzjoni ta' komunikazzjonijiet, sorveljanza sigrieta inkluża sorveljanza elettronika, il-monitoraġġ ta' kontijiet tal-bank u investigazzjonijiet finanzjarji oħra.***

(8) L-investigazzjoni tar-reati u l-akkużi fi proċedimenti kriminali għandhom jiġu ffaċilitati, u jittieħed kont tad-diffikultà tal-vittmi tfal biex jirrapportaw l-abbuż u l-anonimità tat-trasgressuri fuq l-internet. Sabiex ikun żgurat is-suċċess tal-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet tar-reati imsemmijin f'din id-Direttiva, għandhom ikunu disponibbli għodod effettivi tal-investigazzjoni, ***inkluża l-attivazzjoni ta' sistemi ta' twissija bikrija***, lil dawk responsabbli għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' tali reati. Dawn ***l-investigazzjonijiet għandhom ikunu soġġetti għal awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtorità ġudizzjarja rilevanti fl-Istat Membru kkonċernat u għandhom jitwettqu taħt is-superviżjoni ta' dik l-awtorità.***

Emenda 15

Proposta għal direttiva Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) Għandhom jiġu emendati r-regoli dwar il-ġurisdizzjoni sabiex ikun żgurat li dawk fl-Unjoni Ewropea li jabbużaw minn jew jisfruttaw **it-tfal** jiffaċċjaw il-prosekuzzjoni anke jekk ir-reati tagħhom isiru barra mill-Unjoni Ewropea, permezz tal-hekk imsejjaħ turiżmu tas-sess.

Emenda

(9) Għandhom jiġu emendati r-regoli dwar il-ġurisdizzjoni sabiex ikun żgurat li dawk fl-Unjoni Ewropea li jabbużaw minn jew jisfruttaw **il-persuni taħt it-18-il sena** jiffaċċjaw il-prosekuzzjoni anke jekk ir-reati tagħhom isiru barra mill-Unjoni Ewropea, permezz tal-hekk imsejjaħ turiżmu tas-sess.

Emenda 16

Proposta għal direttiva Premessa 10

Proposta tal-Kummissjoni

(10) Miżuri biex jiproteġu vittmi **tfal** għandhom jiġu adottati fl-aħjar interess tagħhom, filwaqt li jiettiehed kont tal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet tagħhom. **Vittmi tfal** għandu jkollhom aċċess faċili għal rimedji legali, inkluż parir u rappreżentazzjoni legali b'xejn u miżuri biex jindirizzaw il-kunflitti ta' interess fejn l-abbuż isir fil-familja. Barra minn dan, vittmi **tfal** għandhom ikunu protetti minn sanzjonijiet, pereżempju **taħt** leġiżlazzjoni nazzjonali dwar l-immigrazzjoni jew il-protituzzjoni, jekk iġibu l-każ tagħhom għall-attenzjoni tal-awtoritajiet kompetenti. Barra dan, il-parteciġazzjoni ta' vittmi **tfal** fi proċedimenti kriminali m'għandhiex tikkawża iktar trawma bħala riżultat ta' intervisti jew kuntatt viżwali mat-trasgressuri.

Emenda

(10) Miżuri biex jiproteġu vittmi **taħt it-18-il sena** għandhom jiġu adottati fl-aħjar interess tagħhom, filwaqt li jiettiehed kont tal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet tagħhom. **Dawk il-vittmi** għandu jkollhom aċċess faċili għal rimedji legali, inkluż parir u rappreżentazzjoni legali b'xejn u miżuri biex jindirizzaw il-kunflitti ta' interess fejn l-abbuż isir fil-familja. Barra minn dan, vittmi **taħt it-18-il sena** għandhom ikunu protetti minn sanzjonijiet, pereżempju **skont** leġiżlazzjoni nazzjonali dwar l-immigrazzjoni jew il-protituzzjoni, jekk iġibu l-każ tagħhom għall-attenzjoni tal-awtoritajiet kompetenti. Barra dan, il-parteciġazzjoni ta' vittmi **taħt it-18-il sena** fi proċedimenti kriminali m'għandhiex tikkawża iktar trawma bħala riżultat ta' intervisti jew kuntatt viżwali mat-trasgressuri.

Emenda 17

Proposta għal direttiva Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) Sabiex jitwaqqaf u jitnaqqas kemm jista' jkun ir-reċidiviżmu, it-trasgressuri għandha ssirilhom evalwazzjoni tal-livell tal-periklu li huma jikkaġunaw kif ukoll tar-riskji possibbli li jirrepetu reati sesswali fuq ***it-tfal, u*** għandu jkollhom aċċess għal programmi ***jew miżuri ta' intervent effettivi*** fuq bażi volontarja.

Emenda

(11) Sabiex jitwaqqaf u jitnaqqas kemm jista' jkun ir-reċidiviżmu, it-trasgressuri għandha ssirilhom evalwazzjoni tal-livell tal-periklu li huma jikkaġunaw kif ukoll tar-riskji possibbli li jirrepetu reati sesswali fuq ***il-persuna taħt it-18-il sena, Sentenza rilevanti madankollu għandha tinqata' fil-proċediment kontra t-trasgressuri; din għandha tinvolvi d-drittijiet tat-trasgressur skont l-Artikolu 5(1) u l-Artikolu 7(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali. barra minn it-trasgressuri*** għandu jkollhom aċċess għal programmi ***ta' appoġġ jew trattament*** fuq bażi volontarja.

Emenda 18

Proposta għal direttiva Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) Meta l-periklu kkawżat mit-trasgressuri u r-riskji possibbli ta' ripetizzjoni jagħmluha xierqa, trasgressuri misjuba ħatja għandhom temporanjament jew permanentement ma jitħallewx iwettqu attivitajiet li jinvolvu kuntatt ***mat-tfal***, fejn ikun xieraq. L-implimentazzjoni ta' dawn il-projbizzjonijiet madwar l-UE għandha ssir aktar faċli.

Emenda

(12) Meta l-periklu kkawżat mit-trasgressuri u r-riskji possibbli ta' ripetizzjoni jagħmluha xierqa, trasgressuri misjuba ħatja għandhom temporanjament jew permanentement ma jitħallewx iwettqu attivitajiet li jinvolvu kuntatt ***ma' persuni taħt it-18-il sena***, fejn ikun xieraq. L-implimentazzjoni ta' dawn il-projbizzjonijiet madwar l-UE għandha ssir aktar faċli, ***b'konformità mar-regoli eżistenti dwdar il-protezzjoni tad-data. Sabiex isir dan għandu jitwettaq proċediment legali bl-applikazzjoni tal-liġijiet fis-seħħ tal-Istati Membri.***

Emenda 19

Proposta għal direttiva Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) *Il-pedopornografija, li tikkostitwixxi immaġini ta' abbuż sesswali, hija tip ta' kontenut speċifiku li ma jistax jiġi interpretat bħala l-espressjoni ta' opinjoni. Biex tiġi kkumbattuta, huwa meħtieġ li tonqos iċ-ċirkolazzjoni ta' materjal ta' abbuż mit-tfal billi jsir iktar diffiċli li trasgressuri jtellgħu tali kontenut fuq l-Internet pubblikament aċċessibbli.* Għaldaqstant hija meħtieġa azzjoni biex jitneħħa *l-kontenut* f'ras il-ġhajj u jinqabdu dawk haġja tal-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-iskarika ta' *immaġini* ta' *abbuż mit-tfal*. L-UE, b'mod partikolari permezz ta' żieda fil-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali, għandha tfittex li tiffaċilita t-tneħħija effettiva minn pajjiżi terzi ta' siti elettroniċi li jkun fihom *il-pedopornografija*, li jinsabu f'pajjiżhom. *Madanakollu minħabba li, minkejja dawn l-isforzi, t-tneħħija ta' kontenut pedopornografiku minn ras il-ġhajj hija diffiċli fejn il-materjali oriġinali ma jinsabux fl-UE, għandhom jitpoġġew fil-post mekkaniżmi li jimblukaw l-aċċess mit-territorju tal-Unjoni għal paġni tal-internet li jkunu identifikati bħala li fihom jew li jxerrdu l-pedopornografija. Għal dak il-għan, jistgħu jintużaw mekkaniżmi differenti kif xieraq, inklużi li l-awtoritajiet ġudizzjarji jew tal-ordni kompetenti jkollhom il-faċilità jordnaw dan l-imblukkar, jew jappoġġjaw u jstimulaw lil dawk li jipprovdu s-Servizz tal-Internet (Internet Service Providers) biex fuq bażi volontarja jiżviluppaw kodiċi ta' kondotta u linji gwida biex jiġi mblukkat l-aċċess għal tali paġni tal-Internet. Kemm bil-għan li jitneħħa kif ukoll biex jiġi mblukkat il-kontenut tal-*

Emenda

(13) *Ir-rappreżentazzjoni ta' atti sesswali li jinvolvu persuni taħt it-18-il sena tikkostitwixxi tip ta' kontenut li t-tiswir, id-disseminazzjoni, ir-riproduzzjoni u x-xiri tiegħu mhumiex protetti bħala drittijiet fundamentali. L-użu tat-terminu "rappreżentazzjoni ta' atti sesswali" hu intenzjonat biex iwessa' l-kunċett ta' abbuż biex ikopri kull att sesswali li jinvolvi persuni taħt it-18-il sena, anke f'każi fejn dawn tal-aħħar jiġu mġiegħla jwettqu dawk l-atti fuqhom infushom.* Għaldaqstant hija meħtieġa azzjoni biex jitneħħa *malajr kemm jista' jkun il-kontenut* f'ras il-ġhajj u jinqabdu *u jiġu soġġetti għall-proċediment legali dovut dawk jitqiesu* haġja tal-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-iskarika ta' *dan it-tip ta' kontenut ta' dan it-tip*. L-UE, b'mod partikolari permezz ta' żieda fil-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali *u fuq il-bażi ta' ftehimiet bilaterali jew multilaterali*, għandha tfittex li tiffaċilita t-tneħħija effettiva minn pajjiżi terzi ta' siti elettroniċi li jkun fihom *rappreżentazzjoni ta' atti sesswali li jinvolvu persuni taħt it-18-il sena*, li jinsabu f'pajjiżhom. *Għandha tiġi intensifikata l-kooperazzjoni mal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Internet Hotlines (INHOPE).* *Sabiex jiġi evitat ix-xogħol doppju*, għandha tiġi stabbilita u msaħħa l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi *relevanti*. Kwalunkwe tali żviluppi jeħtieġ jieħdu kont tad-drittijiet tal-utenti finali, iżommu mal-proċeduri legali u ġudizzjarji eżistenti u jikkonformaw mal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Umani u mal-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Il-Programm Internet Iktar Sikur

abbuż mit-tfal, għandha tiġi stabbilita u msaħħa l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi, *partikolarment f-interess li jiġi żgurati li listi nazżjonali ta' siti web li fihom materjal ta' pedopornografija jkunu kemm jista' jkun kompleti u li jiġi evitat ix-xogħol doppju*. Kwalunkwe tali żviluppi jeħtieġ jieħdu kont tad-drittijiet tal-utenti finali, iżommu mal-proċeduri legali u ġudizzjarji eżistenti u jikkonformaw mal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Umani u mal-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Il-Programm Internet Iktar Sikur waqqaf netwerk ta' hotlines li għandhom l-għan jiġbru informazzjoni u jiżguraw kopertura u skambju ta' rapporti dwar it-tipi ewlenin ta' kontenut illegali onlajn.

waqqaf netwerk ta' hotlines li għandhom l-għan jiġbru informazzjoni u jiżguraw kopertura u skambju ta' rapporti dwar it-tipi ewlenin ta' kontenut illegali onlajn.

Emenda 20

Proposta għal direttiva

Premessa 14

Proposta tal-Kummissjoni

(14) Billi l-għan ta' din id-Deċiżjoni Qafas, preċiżament il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali, l-isfruttament sesswali *tat-tfal u l-pedopornografija*, ma jistax jintlaħaq b'mod sodisfaċenti mill-Istati Membri waħedhom u jista' għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti tiegħu, jiġi milħuq aħjar fuq il-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipji tas-sussidjarjetà kif imsemmijin *fl-Artikolu 3 u fl-Artikolu 5* tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea. *Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità*, kif stabbilit *fl-Artikolu tal-aħħar*, din id-Deċiżjoni Qafas ma tmurx lil hinn minn dak li *hu* meħtieġ *sabiex jintlaħaq dak il-għan*.

Emenda

(14) Billi l-għan ta' din id-Deċiżjoni Qafas, preċiżament il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali, l-isfruttament sesswali *tal-persuni taħt it-18-il sena u r-rappreżentazzjoni ta' atti sesswali li jinvolvu persuni taħt it-18-il sena*, ma jistax jintlaħaq b'mod sodisfaċenti mill-Istati Membri waħedhom u jista' għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti tiegħu, jiġi milħuq aħjar fuq il-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipji tas-sussidjarjetà kif imsemmijin *fl-Artikolu 3* tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea. *F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità*, kif stabbilit *f'dak l-Artikolu*, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li *huwa* meħtieġ *biex jinkiseb dak l-objettiv*.

Emenda 21

Proposta għal direttiva Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

(15) Din id-Deċiżjoni Qafas tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji li tirrikonoxxi b'mod partikolari l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-aktar id-dinjità umana, il-projbizzjoni tat-tortura u t-trattament jew il-kastig inuman jew degradanti, id-drittijiet tat-tfal, id-dritt għal-libertà u s-sigurtà, il-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni, il-protezzjoni tad-dejta personali, id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust u l-prinċipji ta' legalità u proporzjonalità ta' reati kriminali u l-pieni. B'mod partikolari, din id-Direttiva ***tfittex li*** tiżgura rispett sħiħ għal dawk id-drittijiet u trid tiġi implimentata kif xieraq.

Emenda 22

Proposta għal direttiva Premessa 13 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15) Din id-Deċiżjoni Qafas tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji li tirrikonoxxi b'mod partikolari l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-aktar id-dinjità umana, il-projbizzjoni tat-tortura u t-trattament jew il-kastig inuman jew degradanti, id-drittijiet tat-tfal, id-dritt għal-libertà u s-sigurtà, il-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni, il-protezzjoni tad-dejta personali, id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust u l-prinċipji ta' legalità u proporzjonalità ta' reati kriminali u l-pieni. B'mod partikolari, din id-Direttiva ***tiżgura*** rispett sħiħ għal dawk id-drittijiet u trid tiġi implimentata kif xieraq.

(13a) Il-prevenzjoni tal-isfruttar sesswali, l-abbuż sesswali jew l-aggressjoni sesswali tal-persuni taħt it-18-il sena fuq l-internet hija prijorità etika u edukattiva, bis-sostenn tad-drittijiet tal-persuni taħt it-18-il sena li jiffirma l-bażi għal kwalunkwe azzjoni preventiva.

Emendi 23

Proposta għal direttiva Artikolu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Din id-Direttiva għandha l-għan li tistabbilixxi regoli minimi rigward id-definizzjoni ta' reati kriminali u sanzjonijiet fil-qasam tal-isfruttament sesswali ***tat-tfal***. Għandha l-għan ukoll li tintroduċi dispożizzjonijiet komuni biex tissaħħaħ il-prevenzjoni tal-kriminalità u l-protezzjoni tal-vittmi tagħha.

Emenda

Din id-Direttiva għandha l-għan li tistabbilixxi regoli minimi rigward id-definizzjoni ta' reati kriminali u sanzjonijiet fil-qasam ***tal-abbuż u*** tal-isfruttament sesswali ***tal-persuni taħt it-18-il sena, u tar-rappreżentazzjoni ta' atti sesswali li jinvolve tali persuni***. Għandha l-għan ukoll li tintroduċi dispożizzjonijiet komuni biex issaħħaħ il-prevenzjoni tar-reat u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu.

Ġustifikazzjoni

Id-Direttiva għandha tirreferi b' mod konsistenti għall- "abbuż sesswali, l-isfruttament sesswali u r-rappreżentazzjoni tal-atti sesswali li jinvolve persuni taħt it-18-il sena" M'għandhomx jiġu stabbiliti limiti minimi għas-sentenzi peress li l-arranġamenti stipulati jpoġġu fid-dubju s-sistemi ta' sanzjonijiet fl-Istati Membri.

Emenda 24

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – ittra a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) "tfal" għandha tfisser persuni taħt l-eta ta' 18-il sena;

Emenda

imħassar

Ġustifikazzjoni

Il-proposta għal direttiva hija marbuta mill-qrib mal-organizzazzjoni tas-setturi individwali tal-liġi kriminali fl-Istati Membri. B' mod partikolari ma għandhiex tneħħi l-klassifikazzjoni fuq tliet saffi, użata f'ħafna Stati Membri, li jiddefinixxu "tfal" (taħt l-14-il sena), "persuni żgħażaġh" (14 sa 18-il sena) u "addolexxenti" (18 sa 21 sena). Għalhekk għandha tiġi evitata definizzjoni ta' "tfal" li tgħodd għall-Ewropa kollha.

Emenda 25

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – ittra b – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

(b) *‘pedopornografija’ għandha* tfisser

Emenda

(b) **“ir-rappreżentazzjoni ta’ atti sesswali li jinvolve persuni taħt it-18-il sena”** tfisser

Emenda 26

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – ittra b – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

(i) Kwalunkwe materjal li viżwalment juri ***tfal*** li qed jieħdu sehem f’aġir sesswalment espliċitu reali jew simulat; jew

Emenda

(i) kwalunkwe materjal li viżwalment juri ***persuni taħt it-18-il sena*** li qed jieħdu sehem f’aġir sesswalment espliċitu reali jew simulat; jew

Emenda 27

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – ittra b – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni

(ii) kull rappreżentazzjoni tal-organi sesswali ta’ ***tfal*** għal raġinijiet prinċipalment sesswali; ***jew***

Emenda

(ii) kull rappreżentazzjoni tal-organi sesswali ta’ ***persuni taħt it-18-il sena*** għal raġinijiet prinċipalment sesswali;

Emenda 28

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – ittra b – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni

(iii) ***kull materjal li viżwalment juri kwalunkwe persuni li jidhru li huma tfal li qed jieħdu sehem f’imġieba vera jew simulata li hi sesswalment espliċita; jew***

Emenda

imħassar

kwlaunkwe rappreżentazzjoni tal-organi sesswali ta' kwalunkwe persuni li jidhru li huma tfal, għal raġunijiet prinċipalment sesswali; jew

Ġustifikazzjoni

Il-konnessjoni tal-kriminalità ma' elementi kostitwenti bħal "li jidhru li huma tfal" u "immaġni realistiċi" tfisser li dan isir estiż ħafna. L-elementi kostitwenti jidhru wisq vagi, billi kulħadd għandu l-idea individwali tiegħu ta' "persuni li jidhru li huma tfal" u "immaġni realistiċi" jew "ġenwini". Huma l-atti kommessi kontra persuni u kontra l-awtodeterminazzjoni sesswali tagħhom, u mhux kontra rappreżentazzjoni ta' dan, li għandhom jiġu kkastigati.

Emenda 29

**Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – ittra b – punt iv**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iv) immaġini realistiċi ta' tfal li qed jieħdu sehem f'aġir sesswalment espliċitu jew immaġini realistiċi tal-organi sesswali ta' tfal, irrISPETTIVAMENT jekk tali tfal jeżistux jew le, għal raġunijiet prinċipalment sesswali;

imħassar

Ġustifikazzjoni

Il-konnessjoni tal-kriminalità ma' elementi kostitwenti bħal "li jidhru li huma tfal" u "immaġni realistiċi" tfisser li dan isir estiż ħafna. L-elementi kostitwenti jidhru wisq vagi, billi kulħadd għandu l-idea individwali tiegħu ta' "persuni li jidhru li huma tfal" u "immaġni realistiċi" jew "ġenwini". Huma l-atti kommessi kontra persuni u kontra l-awtodeterminazzjoni sesswali tagħhom, u mhux kontra rappreżentazzjoni ta' dan, li għandhom jiġu kkastigati.

Emenda 30

**Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – ittra d – punt i**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(i) ta' tfal li qed jieħdu sehem f'aġir sesswalment espliċitu reali jew simulat;

(i) ta' persuni taħt it-18-il sena li qed jieħdu sehem f'aġir sesswalment espliċitu

jew

reali jew simulat; jew

Emenda 31

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – ittra d – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni

(ii) tal-organi sesswali ta' *tfal* għal *finijiet* prinċipalment sesswali;

Emenda

(ii) tal-organi sesswali ta' *persuni taħt it-18-il sena* għal *raġunijiet* prinċipalment sesswali;

Emenda 32

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – ittra e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) "persuna legali" għandha tfisser kull entita li għandha status tali taħt il-liġi applikabbli, barra minn Stati jew korpi pubbliċi oħra fl-eżerċizzju ta' awtorita Statali u għal organizzazzjonijiet internazzjonali pubbliċi.

Emenda

imħassar

Emenda 33

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – Paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. *L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jiżguraw li l-imġiba intenzjonali msemmija f'paragrafi 2 sa 5 tkun punibbli.*

Emenda

1. *Peress li s-sistemi ġuridiċi kriminali huma aspekk integrali ta' kull Stat Membru individwali, kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li l-imġiba deskritta hawn taħt intenzjonali sussegwenti hija stabbilita fil-liġi bħala reat kriminali u, b'konformità mas-sistema tagħhom ta' penali, tingħata piena li tirrifletti l-gravità tal-att.*

Emenda 34

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Li ġġiegħel, għal raġunijiet sesswali, ***tfal*** li ma ***jkunux lahq*** l-età ta' kunsens sesswali skont il-liġi nazzjonali ***lil jaraw*** abbuż sesswali jew attivitajiet sesswali, anki jekk ma ***jipparteċipawx; għandha tkun punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas sentejn.***

Emenda

2. Li ġġiegħel, għal raġunijiet sesswali, ***persuna*** li ma ***tkunx laħqet*** l-età ta' kunsens sesswali skont il-liġi nazzjonali ***li tara*** abbuż sesswali jew attivitajiet sesswali, anki jekk ma ***tipparteċipax, jikkostitwixxi attività kif deskritt fil-paragrafu 1.***

Emenda 35

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-parteeċipazzjoni f'attivitajiet sesswali ma' ***tfal*** li ma ***laħqux*** l-età legali tal-kunsens taħt il-liġi nazzjonali ***għandha tkun punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas ħames snin.***

Emenda

3. Il-parteeċipazzjoni f'attivitajiet sesswali ma' ***persuna*** li ma ***laħqitx*** l-età legali tal-kunsens taħt il-liġi nazzjonali ***tikkostitwixxi attività kif deskritt fil-paragrafu 1.***

Emenda 36

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

4. Il-parteeċipazzjoni f'attivitajiet sesswali ma' ***tfal***, fejn:

Emenda

4. Il-parteeċipazzjoni f'attivitajiet sesswali ma' ***persuni taħt it-18-il sena***, fejn:

Emenda 37

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 4 – subparagrafu i

Test propost mill-Kummissjoni

(i) isir abbuż minn pożizzjoni rikonoxxuta

Emenda

(i) isir abbuż minn pożizzjoni rikonoxxuta

ta' fiduċja, awtorità jew influwenza fuq ***it-tfal għandu jkun punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas tmien snin***; jew

ta' fiduċja, awtorità jew influwenza fuq ***dawn***, jew

Emenda 38

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 4 – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni

(ii) isir abbuż minn sitwazzjoni partikolament vulnerabbli ***tat-tfal***, ta' min isemmi minħabba diżabbiltà mentali jew fiżika jew sitwazzjoni ta' dipendenza ***għandu jkun punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas tmien snin***; jew

Emenda

(ii) isir abbuż minn sitwazzjoni partikolament vulnerabbli ***ta' dawn***, ta' min isemmi minħabba diżabbiltà mentali jew fiżika jew sitwazzjoni ta' dipendenza jew

Emenda 39

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 4 – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni

(iii) isir użu minn tiġġhil, forza jew theddid ***għandu jkun punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas għaxar snin***.

Emenda

(iii) isir użu minn tiġġhil, forza jew theddid,

Emenda 40

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

jikkostitwixxi attività kif deskritt fil-paragrafu 1.

Emenda 41

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. It-tigghil ta' *tfal* f'attivitajiet sesswali ma' parti terza *għandu jkun punibbli b'terminu massimu ta' ħabs għa mill-inqas għaxar snin*.

Emenda

5. It-tigghil ta' *persuna taħt il-18-il sena* f'attivitajiet sesswali ma' parti terza *jikkostitwixxi attività kif deskritt fil-paragrafu 1*.

Emenda 42

Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. *L-Istati Membri għandhom jieħu l-miżuri kollha neċessarji* biex *jiżguraw* li l-imġiba intenzjonali *msemija f'paragrafi 2 sa 11 tkun punibbli*.

Emenda

1. *Peress li s-sistemi ġuridiċi kriminali huma aspett integrali ta' kull Stat Membru individwali, kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa* biex *jiżgura* li l-imġiba *deskritta hawn taħt* intenzjonali *sussegwenti hija stabbilita fil-liġi bħala reat kriminali u, b'konformità mas-sistema tagħhom ta' penali, tingħata piena li tirrifletti l-gravità tal-att*.

Emenda 43

Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Li ġġiegħel *tfal jipparteċipaw* f'wirjiet pornografiċi *għandu jkun punibbli b'terminu massimu ta' ħabs għal mill-inqas sentejn*.

Emenda

2. Li ġġiegħel *persuna taħt it-18-il sena tipparteċipa* f'wirjiet pornografiċi *jikkostitwixxi attività kif deskritt fil-paragrafu 1*.

Emenda 44

Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Li jsir qligħ jew inkella ***jìgu sfruttati tfal*** li ***jipparteċipaw*** f'wirjiet pornografiċi ***għandu jkun punibbli b'terminu massimu ta' ħabs għal mill-inqas sentejn.***

Emenda

3. Li jsir qligħ jew inkella ***tiġi sfruttata persuna taħt it-18-il sena li tipparteċipa*** f'wirjiet pornografiċi ***jikkostitwixxi attività kif deskritt fil-paragrafu 1.***

Emenda 45

Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-iffrekwentar konxju ta' wirjiet pornografiċi li jinvolvu l-parteċipazzjoni ta' ***tfal għandu jkun punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas sentejn.***

Emenda

4. L-iffrekwentar konxju ta' wirjiet pornografiċi li jinvolvu l-parteċipazzjoni ta' ***persuni taħt it-18-il sena jikkostitwixxi attività kif deskritt fil-paragrafu 1.***

Emenda 46

Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Ir-reklutaġġ ta' ***tfal*** biex ***jipparteċipaw*** f'wirjiet pornografiċi ***għandu jkun punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas ħames snin.***

Emenda

5. Ir-reklutaġġ ta' ***persuna taħt it-18-il sena tipparteċipa*** biex ***tipparteċipa*** f'wirjiet pornografiċi ***jikkostitwixxi attività kif deskritt fil-paragrafu 1.***

Emenda 47

Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. ***Sfurzar ta' tfal għall-prostituzzjoni*** għandu jkun ***punibbli b'terminu massimu***

Emenda

6. ***Kull individwu li jkun il-kawża li persuni taħt it-18-il sena jìgu involuti***

ta' priġunerija ta' mill-inqas ħames snin..

*f'attivitajiet sesswali jew li jisfrutta dak l-involvement fejn flus jew forom oħra ta' rimunerazzjoni jew kunsiderazzjoni jingħataw jew jitweghdu bi skambju, kemm jekk il-ħlas, il-wegħda jew il-kunsiderazzjoni jsirux lill-persuni taħt it-18-il sena jew lil terza persuna, għandu jkun **ħati ta' mġieba intenzjonali fi ħdan it-tifsira tal-paragrafu 1.***

Emenda 48

**Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 7**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

7. Qligħ minn jew sfruttar b'mod ieħor ta' tfal li jipparteċipaw fil-prostituzzjoni tat-tfal għandu jkun punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas ħames snin.

imħassar

Emenda 49

**Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 8**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

8. Parteċipazzjoni f'attivitajiet sesswali ma' tfal, fejn wieħed jirrikorri għall-prostituzzjoni tat-tfal għandu jkun punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas ħames snin..

8. Kull individwu li jipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuni taħt it-18-il sena u li bi skambju joffri jew iwiegħed flus jew forom oħra ta' rimunerazzjoni jew kunsiderazzjoni, kemm jekk il-ħlas, il-wegħda jew il-kunsiderazzjoni jsirux lill-persuni taħt it-18-il sena jew lil terza persuna, għandu jkun **ħati ta' mġieba intenzjonali fi ħdan it-tifsira tal-paragrafu 1.**

Emenda 50

Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni

9. It-tigghil ta' *tfal* biex *jipparteċipaw* f'wirjiet pornografiċi *għandu jkun punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas tmien snin.*

Emenda

9. It-tigghil ta' *persuna taħt it-18-il sena tipparteċipa* biex *tipparteċipa* f'wirjiet pornografiċi *jikkostitwixxi attività kif deskritt fil-paragrafu 1.*

Emenda 51

Proposta għal direttiva Artikolu 4 – Paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni

10. *Ir-reklutaġġ ta' tfal* biex *jipparteċipaw fil-prostituzzjoni tat-tfal* għandu jkun *punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas tmien snin..*

Emenda

10. *Kull individwu li jirrekluta jew iġiegħel lil persuni taħt it-18-il sena jiġu involuti f'attivitajiet sesswali fejn flus jew forom oħra ta' rimunerazzjoni jew kunsiderazzjoni jingħataw jew jitweghdu bi skambju, kemm jekk il-ħlas, il-wegħda jew il-kunsiderazzjoni jsirux lill-persuni taħt it-18-il sena jew lil terza persuna, għandu jkun ħati ta' mġieba intenzjonali fi ħdan it-tifsira tal-paragrafu 1.*

Emenda 52

Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 11

Test propost mill-Kummissjoni

11. *It-tigghil ta' tfal għall-prostituzzjoni tat-tfal* għandu jkun *punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas għaxar snin..*

Emenda

imħassar

Emenda 53

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Reati li jikkonċernaw ***il-pedopornografija***

Emenda

Reati li jikkonċernaw ***ir-rappreżentazzjoni ta' atti sesswali li jinvolvu persuni taħt it-18-il sena***

Emenda 54

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. ***L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jiżguraw li l-imġiba intenzjonali msemmija f'paragrafi 2 sa 6 tkun punibbli.***

Emenda

1. ***Peress li s-sistemi ġuridiċi kriminali huma aspett integrali ta' kull Stat Membru individwali, kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li l-imġiba deskritta hawn taħt intenzjonali sussegwenti hija stabbilita fil-liġi bħala reat kriminali u, b'konformità mas-sistema tagħhom ta' penali, tingħata piena li tirrifletti l-gravità tal-att.***

Emenda 55

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-akkwist jew il-pussess ta' ***pedopornografija għandu jkun punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas sena.***

Emenda

2. L-akkwist jew il-pussess ta' ***materjal li jinkludi r-rappreżentazzjoni ta' atti sesswali li jinvolvu persuni taħt it-18-il sena jikkostitwixxi attività kif deskritt fil-paragrafu 1.***

Emenda 56

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-akkwist konxju ta' aċċess, permezz ta' teknoloġiji ta' informazzjoni u l-komunikazzjoni, **għall-pedopornografija għandu jkun punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas sena.**

Emenda

3. L-akkwist konxju ta' aċċess, permezz ta' teknoloġiji ta' informazzjoni u l-komunikazzjoni, **għal rappreżentazzjoni ta' atti sesswali li jinvolvu persuni taħt it-18-il sena jikkostitwixxi attività kif deskritt fil-paragrafu 1.**

Emenda 57

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Id-distribuzzjoni, t-tixrid jew it-trasmissjoni **ta' pedopornografija għandha tkun punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas sentejn.**

Emenda

4. Id-distribuzzjoni, t-tixrid jew it-trasmissjoni **tar-rappreżentazzjoni ta' atti sesswali li jinvolvu persuni taħt it-18-il sena jikkostitwixxi attività kif deskritt fil-paragrafu 1.**

Emenda 58

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. L-offerta, *l-forniment* jew li ssir disponibbli **pedopornografija għandha tkun punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas sentejn.**

Emenda

5. L-offerta, *il-forniment* jew li ssir disponibbli **ir-rappreżentazzjoni ta' atti sesswali li jinvolvu persuni taħt it-18-il sena jikkostitwixxi attività kif deskritt fil-paragrafu 1.**

Emenda 59

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Il-produzzjoni **ta' pedopornografija għandha tkun punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas ħames snin.**

Emenda 60

Proposta għal direttiva Artikolu 6

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li *l-imġieba intenzjonata* li ġejja tkun punibbli:

Il-proposta, permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, minn adult biex jiltaqa' ma' ***tfal li jkunu għadhom ma lahqix*** l-età legali għal attività sesswali skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi tal-pajjiż, bl-iskop li jitwettaq kwalunkwe mir-reati imsemmija fl-Artikoli 3 (3) u 5 (6) fejn din il-proposta tkun twettqet b'atti materjali li jwasslu għal din il-laqgħa, ***għandha tkun punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas sentejn.***

Emenda 61

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li *l-instigazzjoni*, l-ghajjnuna ***u l-kompliċità***

Emenda

6. Il-produzzjoni ***tar-rappreżentazzjoni ta' atti sesswali li jinvolvu persuni taħt it-18-il sena jikkostitwixxi attività kif deskritt fil-paragrafu 1.***

Emenda

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li *l-imġieba mwettqa b'mod intenzjonat* li ġejja tkun punibbli ***u li r-reat, b'konformità mas-sistema tagħhom ta' penali, jingħata piena li tirrifletti l-gravità tal-att.*** ***Proposta***, permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, minn adult biex jiltaqa' ma' ***persuna li tkun għadha ma laħqitx*** l-età legali għal attività sesswali skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi tal-pajjiż, bl-iskop li jitwettaq kwalunkwe mir-reati imsemmija fl-Artikoli 3 (3) u 5 (6) fejn din il-proposta tkun twettqet b'atti materjali li jwasslu għal din il-laqgħa.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li ***t-tixwix, jew l-ghajjnuna jew l-influenza għat-***

biex jitwettaq kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikoli 3 sa 6 *jkunu punibbli*.

twettiq ta' reat imsemmi fl-Artikoli 3 sa 6 *ikunu stipulati bħala reati kriminali bil-liġi u, bi qbil mas-sistemi ta' pieni kriminali tagħhom, jiġu kkastigati billi jiġu imposti sentenzi li jirriflettu s-serjeta tagħhom*.

Emenda 62

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li tentattivi biex jiġi kkommiss kwalunkwe mir-reati msemmija fl-Artikoli 3 (3) sa (5), u (2) rigward li wieħed jara abbuż sesswali; Artikolu 4 (2) sa (3), u (5) sa (11); u Artikolu 5 (2) u (4) sa (6) *huwa punibbli*.

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li tentattivi biex jiġi kkommiss kwalunkwe mir-reati msemmija fl-Artikoli 3 (3) sa (5), u (2) rigward li wieħed jara abbuż sesswali; Artikolu 4 (2) sa (3), u (5) sa (11); u Artikolu 5 (2) u (4) sa (6) *ikunu stipulati bħala reati kriminali bil-liġi u, bi qbil mas-sistemi ta' pieni kriminali tagħhom, jiġu kkastigati billi jiġu imposti sentenzi li jirriflettu s-serjeta tagħhom*.

Emenda 63

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex *jiżguraw li l-imġieba* intenzjonata li *ġejja tkun punibbli*:

Emenda

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex *jevitaw jew jipprojbixxu li l-forom ta' mġiba* intenzjonata li *ġejja ikunu stipulati bħala reati kriminali bil-liġi u, bi qbil mas-sistemi ta' pieni kriminali tagħhom, jiġu kkastigati billi jiġu imposti sentenzi li jirriflettu s-serjeta tagħhom*.

Emenda 64

Proposta għal direttiva Artikolu 8

Test propost mill-Kummissjoni

Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3 (2), rigward xhieda ta' attivitajiet sesswali, u (3); Artikolu 4 (2) u (4) u Artikolu 5 ma jirregolawx l-attivitajiet sesswali konsenswali **tfal** jew jinvolvu persuni li huma **qrib** fl-età u l-livell ta' żvilupp jew maturità psikoloġika jew fiżika, sakemm dawn l-atti ma jinvolvux abbuż.

Emenda

Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3 (2), rigward xhieda ta' attivitajiet sesswali, u (3); l-Artikolu 4 (2) u (4) u l-Artikolu 5 ma jirregolawx l-attivitajiet sesswali konsenswali bejn **persuni li tal-anqas waħda minnhom tkun taħt it-18-il sena** jew jinvolvu persuni li huma **simili** fl-età u l-livell ta' żvilupp jew maturità psikoloġika jew fiżika, sakemm dawn l-atti ma jinvolvux abbuż.

Emenda 65

Proposta għal direttiva Artikolu 9 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. **Safejn iċ-ċirkustanzi** li ġejjin ma jiffurmawx diġà parti mill-elementi kostitwenti tar-reati imsemmija fl-Artikoli 3 sa 7, **għandhom** jiġu kkunsidrati bħala ċirkustanzi aggravanti **għall-finijiet ta' din id-Direttiva**:

Emenda

1. **L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi jew miżuri oħrajn meħtieġa biex jiġi żgurat li iċ-ċirkustanzi li ġejjin, jekk** ma jiffurmawx diġà parti mill-elementi kostitwenti tar-reati imsemmija fl-Artikoli 3 sa 7, **jistgħu** jiġu kkunsidrati bħala ċirkustanzi aggravanti:

Emenda 66

Proposta għal direttiva Artikolu 9 – paragrafu 1 – ittra a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) **it-tfal** ma jkunux għandhom laħqu l-età ta' kunsens sesswali taħt il-liġi tal-pajjiż;

Emenda

(a) **il-vittmi** ma jkunux għandhom laħqu l-età ta' kunsens sesswali taħt il-liġi tal-pajjiż;

Emenda 67

Proposta għal direttiva Artikolu 9 – paragrafu 1 – ittra b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) ir-reat ikun twettaq kontra ***tfal*** f'qagħda partikolarment vulnerabbli, partikolarment minħabba diżabbiltà mentali jew fiżika jew sitwazzjoni ta' dipendenza;

Emenda

(b) ir-reat ikun twettaq kontra ***vittma*** f'qagħda partikolarment vulnerabbli, partikolarment minħabba diżabbiltà mentali jew fiżika jew sitwazzjoni ta' dipendenza;

Emenda 68

Proposta għal direttiva Artikolu 9 – paragrafu 1 – ittra c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) ir-reat ikun sar minn membru tal-familja, persuna li tikkoabita ***mat-tfal*** jew persuna li abbużat mill-awtorità tagħha;

Emenda

(c) ir-reat ikun sar minn membru tal-familja, persuna li tikkoabita ***mal-vittma*** jew persuna li abbużat mill-awtorità tagħha;

Emenda 69

Proposta għal direttiva Artikolu 9 – paragrafu 1 – ittra g

Test propost mill-Kummissjoni

(g) ir-reat ikun ipperikola l-ħajja ***tat-tfal***;

Emenda

(g) ir-reat ikun ipperikola l-ħajja ***tal-vittma***;

Emenda 70

Proposta għal direttiva Artikolu 9 – paragrafu 1 – ittra h

Test propost mill-Kummissjoni

(h) ir-reat ikun involva vjolenza serja jew jikkaġuna ħsara serja fuq ***it-tfal***.

Emenda

(h) ir-reat ikun involva vjolenza serja jew jikkaġuna ħsara serja fuq ***il-vittma***.

Emenda 71

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Fejn **ikun** preżenti mill-inqas **wieħed** miċ-ċirkustanzi aggravanti imsemmija f'paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li r-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 6 jkunu punibbli permezz ta' penali effettivi, propozjonati u dissważivi li jkunu penali iktar ħorox minn dawk previsti fl-Artikoli 3 sa 6 għar-reat bażiku.

Emenda

2. Fejn **tkun** preżenti mill-inqas **waħda** miċ-ċirkustanzi aggravanti imsemmija f'paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li r-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 6 jkunu punibbli permezz ta' penali effettivi, propozjonati u dissważivi li jkunu penali iktar ħorox minn dawk previsti fl-Artikoli 3 sa 6 għar-reat bażiku, **li huma legalment disponibbli għall-isim skont is-sistemi tagħhom ta' pjeni kriminali u ta' sentenzjar u li jirriflettu s-serjetà tar-reati involuti.**

Emenda 72

Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Sabiex jiġi evitat ir-riskju tar-repetizzjoni tar-reati, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li persuna fiżika li għet ikkundannata għal kwalunkwe mir-reati imsemija *fl-artikoli 3 sa 7* tista' tiġi żmien jew għal dejjem ipprojbta milli twettaq attivitajiet li jinvolvu kuntatt regolari **mat-tfal**.

Emenda

1. Sabiex jiġi evitat ir-riskju tar-repetizzjoni tar-reati, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li persuna fiżika li għet ikkundannata għal kwalunkwe mir-reati imsemija *fl-Artikoli 3 sa 7* tista' tiġi żmien jew għal dejjem ipprojbta milli twettaq attivitajiet li jinvolvu kuntatt regolari **ma' persuni taħt it-18-il sena**.

Emenda 73

Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Bħala deroga minn Artikoli 7 (2) u 9 (2) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/315/ĠAI dwar l-organizzazzjoni u l-

Emenda

3. Bħala deroga minn Artikoli 7 (2) u 9 (2) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/315/ĠAI dwar l-organizzazzjoni u l-

kontenut tal-iskambju bejn Stati Membri ta' informazzjoni estratta mill-fedini penali, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex ikun żgurat li, bil-għan li tkun implimentata b'mod effettiv il-miżura li ttiprobixxi b'mod permanenti lil persuna milli twettaq attivitajiet li jinvolvu kuntatt regolari ma' *tfal*, partikolarment safejn l-Istat Membru li qed jitlob l-informazzjoni iqiegħed l-aċċess għal ċerti attivitajiet suġġett għal kundizzjonijiet bil-għan li jiġi żgurat li kandidati ma kellhomx kundanna għal kwalunkwe mir-reati imsemmija fl-Artikoli 3 sa 7 ta' din id-Direttiva, informazzjoni dwar l-iskwalifika li tirriżulta minn kundanna għal kwalunkwe mir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 7 ta' din id-Direttiva tkun trażmessa meta mitluba taħt l-Artikolu 6 ta' dik id-Deċiżjoni Qafas mill-awtorità ċentrali tal-Istat Membru minn fejn ġejja l-persuna, u li d-dejta personali rigward l-iskwalifika pprovduta taħt l-Artikolu 7 (2) u (4) ta' dik id-Deċiżjoni Qafas tista' f'kull każ tintuża għal tali għan.

Emenda 74

Proposta għal direttiva

Artikolu 11 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li persuni ġuridiċi jistgħu jinstabu responsabbli għall kull wieħed mir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 7 li jkunu saru għall-benefiċċju tagħhom minn kwalunkwe persuna, li tagħxi jew waħedha jew bħala parti minn organu ta' persuna ġuridika, li għandha pożizzjoni ta' tmexxija fil-persuna ġuridika, ibbażata fuq dan li ġej:

kontenut tal-iskambju bejn Stati Membri ta' informazzjoni estratta mill-fedini penali, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex ikun żgurat li, bil-għan li tkun implimentata b'mod effettiv il-miżura li għal żmien jew għal dejjem ttiprobixxi persuna milli twettaq attivitajiet li jinvolvu kuntatt regolari ma' *persuni taħt it-18-il sena*, partikolarment safejn l-Istat Membru li qed jitlob l-informazzjoni iqiegħed l-aċċess għal ċerti attivitajiet suġġett għal kundizzjonijiet bil-għan li jiġi żgurat li kandidati ma kellhomx kundanna għal kwalunkwe mir-reati imsemmija fl-Artikoli 3 sa 7 ta' din id-Direttiva, informazzjoni dwar l-iskwalifika li tirriżulta minn kundanna għal kwalunkwe mir-reati imsemmija fl-Artikoli 3 sa 7 ta' din id-Direttiva tkun trażmessa meta mitluba taħt l-Artikolu 6 ta' dik id-Deċiżjoni Qafas mill-awtorità ċentrali tal-Istat Membru minn fejn ġejja l-persuna, u li d-dejta personali rigward l-iskwalifika pprovduta taħt l-Artikolu 7 (2) u (4) ta' dik id-Deċiżjoni Qafas tista' f'kull każ tintuża għal tali għan.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li persuni ġuridiċi jistgħu jinstabu responsabbli għall kull wieħed mir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 7 li jkunu saru għall-benefiċċju tagħhom minn kwalunkwe persuna *naturali*, li tagħxi jew waħedha jew bħala parti minn organu ta' persuna ġuridika, li għandha pożizzjoni ta' tmexxija fil-persuna ġuridika, ibbażata fuq dan li ġej:

Emenda 75

Proposta għal direttiva Artikolu 12

Test propost mill-Kummissjoni

Artikolu 12

Sanzjonijiet fuq persuni ġuridiċi

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw illi persuna ġuridika miżmuma responsabbli skont l-Artikolu 11(1) tkun tista' tiġi penalizzata b'sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi, li għandhom jinkludu multi kriminali jew mhux kriminali u jistgħu jinkludu sanzjonijiet oħra bħal:

- (a) l-esklużjoni mid-dritt għal benefiċċji pubbliċi jew għajnuna pubblika;*
- (b) skwalifika temporanja jew permanenti mill-prattika ta' attivitajiet kummerċjali;*
- (c) it-tqeghid taht is-sorveljanza tal-qorti;*
- (d) l-istralè ġudizzjarju;*
- (e) għeluq temporanju jew permanenti ta' stabbilimenti li setgħu ntużaw biex tkun kommess ir-reat.*

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħieġa sabiex jiżguraw illi persuna legali miżmuma responsabbli skont l-Artikolu 11(2) tkun tista' tiġi penalizzata b'penali jew miżuri kriminali effettivi, proporzjonati u dissważivi.

Emenda 76

Proposta għal direttiva Artikolu 13

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jipprovdu għall-possibbiltà li ma jkunx hemm prosekuzzjoni jew l-impożizzjoni ta' pieni fuq vittmi **tfal** għar-reati msemmija fl-Artikoli 4 u 5 (4) sa (6) għall-involviment tagħhom f'attivitajiet illegali bħala

Emenda

imħassar

L-Istati Membri għandhom jipprovdu għall-possibbiltà li ma jkunx hemm prosekuzzjoni jew l-impożizzjoni ta' pieni fuq vittmi għar-reati msemmija fl-Artikoli 4 u 5 (4) sa (6) għall-involviment tagħhom f'attivitajiet illegali bħala konsegwenza

konsegwenza diretta talli kienu suġġetti għal dawk ir-reati.

diretta talli kienu suġġetti għal dawk ir-reati.

Emenda 77

Proposta għal direttiva Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li għodod effettivi tal-investigazzjoni jkunu disponibbli għal persuni, unitajiet jew servizzi responsabbli għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tar-reati imsemmija fl-Artikoli 3 sa 7, biex jippermetti l-possibbiltà ta' operazzjonijiet sigrieti għall-inqas f'dawk il-każi fejn ikun hemm involut l-użu ta' teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni.

Emenda

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li għodod effettivi tal-investigazzjoni jkunu disponibbli għal persuni, unitajiet jew servizzi responsabbli għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tar-reati imsemmija fl-Artikoli 3 sa 7, biex jippermetti l-possibbiltà ta' operazzjonijiet sigrieti għall-inqas f'dawk il-każi fejn ikun hemm involut l-użu ta' teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni. ***Dawn l-investigazzjonijiet għandhom ikunu soġġetti għal awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtorità għodda rilevanti fl-Istat Membru kkonċernat u għandhom jittwettqu taħt is-superviżjoni ta' dik l-awtorità.***

Emenda 78

Proposta għal direttiva Artikolu 14 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jippermettu unitajiet jew servizzi investigattivi jipprovaw jidentifikaw il-vittmi tar-reati imsemmija fl-Artikoli 3 sa 7, b'mod partikolari billi janalizzaw materjal ***ta' pedopornografija***, bħalma huma ritratti u reġistrazzjonijiet awdjoviżivi trasmessi jew magħmulin disponibbli permezz ta' teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni.

Emenda

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jippermettu unitajiet jew servizzi investigattivi jipprovaw jidentifikaw il-vittmi tar-reati imsemmija fl-Artikoli 3 sa 7, b'mod partikolari billi janalizzaw materjal, bħalma huma ritratti u reġistrazzjonijiet awdjoviżivi trasmessi jew magħmulin disponibbli permezz ta' teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni.

Emenda 79

Proposta għal direttiva Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-regoli ta' kunfidenzjalità imposti mil-liġi tal-pajjiż fuq ċerti professjonisti li **jissejħu biex** jaħdmu f'kuntatt **mat-tfal** ma jxekkklux il-possibbiltà, għal dawk il-professjonisti, milli jirrappurtaw lis-servizzi responsabbli għall-protezzjoni tat-tfal kull sitwazzjoni fejn ikollhom raġuni biżżejjed biex jemmnu li **tfal ikunu** vittmi ta' reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 7.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-regoli ta' kunfidenzjalità imposti mil-liġi tal-pajjiż fuq ċerti professjonisti li **l-kompitu ewlieni tagħhom huwa li** jaħdmu f'kuntatt **ma' persuni taħt it-18-il sena** ma jxekkklux il-possibbiltà, għal dawk il-professjonisti, milli jirrappurtaw lis-servizzi responsabbli għall-protezzjoni tat-tfal kull sitwazzjoni fejn ikollhom raġuni biżżejjed biex jemmnu li **persuni taħt it-18-il sena jkunu** vittmi ta' reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 7.

Emenda 80

Proposta għal direttiva Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jinkoraġġixxu lil kwalunkwe persuna li taf dwar jew tissuspetta, in bona fide, reati imsemmija fl-Artikoli 3 sa 7 biex tirrapporta dawn il-fatti lis-servizzi kompetenti.

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jinkoraġġixxu lil kwalunkwe persuna li taf dwar reati imsemmija fl-Artikoli 3 sa 7 **li twettqu kontra persuni taħt it-18-il sena** biex tirrapporta dawn il-fatti lis-servizzi kompetenti.

Emenda 81

Proposta għal direttiva Artikolu 15 – paragrafu 2 – ittra a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex joħlqu servizzi ta' informazzjoni, bħal linji telefoniċi speċjali għall-ghajjnuna u siti tal-internet, biex jipprovdu pariri u assistenza lil persuni taħt it-18-il sena..

Emenda 82

**Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 2 – ittra b (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2b. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiġi żgurat li jitniedu kampanji ta' prevenzjoni fl-iskejjel bl-intenzjoni li l-persuni taħt it-18-il sena jkunu jistgħu jsaħħu l-fehim tagħhom tad-drittijiet ta' kull individwu, tar-rispett għalihom infushom u għall-oħrajn, u li jiġu meġġuna jirrikonoxxu sitwazzjonijiet skomdi, intrużivi jew abbużivi.

Emenda 83

**Proposta għal direttiva
Artikolu 17 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Vittmi tar-reati imsemmija fl-Artikolu 3 sa 7 għandu jkollhom assistenza, appoġġ u protezzjoni, li jieħdu kont tal-aħjar interessi ***tat-tfal***.

1. ***Persuni taħt it-18-il sena li huma*** vittmi tar-reati imsemmija fl-Artikolu 3 sa 7 għandu jkollhom assistenza, appoġġ u protezzjoni, li jieħdu kont tal-aħjar interessi ***ta' dawn il-persuni***.

Emenda 84

Proposta għal direttiva Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta l-età ta' persuni suġġetti għal kwalunkwe mir-reati imsemmija fl-Artikoli 3 sa 7 ma tkunx ċerta u jkun hemm raġunijiet għalxiex wieħed għandu jemmen li l-persuni jkunu ***tfal***, għandu jkun preżunt li huma jkunu ***tfal*** u jirċievu aċċess immedjat għall-protezzjoni u l-assistenza b'konformità mal-Artikoli 18 u 19, sakemm tiġi vverifikata l-età.

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta l-età ta' persuni suġġetti għal kwalunkwe mir-reati imsemmija fl-Artikoli 3 sa 7 ma tkunx ċerta u jkun hemm raġunijiet għalxiex wieħed għandu jemmen li l-persuni jkunu ***taħt it-18-il sena***, għandu jkun preżunt li huma ***tali*** u jirċievu aċċess immedjat għall-protezzjoni u l-assistenza b'konformità mal-Artikoli 18 u 19, sakemm tiġi vverifikata l-età.

Emenda 85

Proposta għal direttiva Artikolu 18 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li jiġu adottati miżuri biex jiżguraw li jittieħdu l-azzjonijiet speċifiċi biex jassistu u jsostnu l-vittmi, fit-terminu qasir u għat-tul, fil-fejqaq fiżiku u psikosoċjali tagħhom wara li tkun saret evalwazzjoni speċifika taċ-ċirkustanzi speċjali ta' kull vittma partikolari u jittieħed kont tal-fehmiet, il-ħtiġiet u l-interessi ***tat-tfal***.

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li jiġu adottati miżuri biex jiżguraw li jittieħdu l-azzjonijiet speċifiċi biex jassistu u jsostnu l-vittmi, fit-terminu qasir u għat-tul, fil-fejqaq fiżiku u psikosoċjali tagħhom wara li tkun saret evalwazzjoni speċifika taċ-ċirkustanzi speċjali ta' kull vittma partikolari u jittieħed kont tal-fehmiet, il-ħtiġiet u l-interessi ***tal-vittmi***.

Emenda 86

Proposta għal direttiva Artikolu 18 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. ***Il-vittmi*** ta' reat msemmi fl-Artikoli 3 u 7 għandhom ikunu meqjusa bħala partikolarment vulnerabbli skont l-Artikolu 2 (2), l-Artikolu 8 (4) u l-Artikolu 14 (1)

Emenda

3. ***Persuni taħt it-18-il sena li huma vittmi*** ta' reat msemmi fl-Artikoli 3 u 7 għandhom ikunu meqjusa bħala partikolarment vulnerabbli skont l-Artikolu 2 (2), l-

tad-Deċiżjoni Qafas 2001/220/ĠAI.

Artikolu 8 (4) u l-Artikolu 14 (1) tad-Deċiżjoni Qafas 2001/220/ĠAI.

Emenda 87

**Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 4 – ittra a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex iniedu kampanji ta' informazzjoni u kampanji oħra mmirati lejn il-prevenzjoni tar-riskji ta' rappreżentazzjoni ta' atti sesswali li jinvolvu persuni taħt it-18-il sena, billi jiffukaw b'mod partikolari fuq metodi kif jiġu skoperti u evitati reati.

Emenda 88

**Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 4 – ittra b (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4b. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jgħinu u jħeġġu lill-għalliema, lill-ħaddiema soċjali, lill-mexxejja taż-żgħażaġh u lil daww kollha li jaħdmu ma' persuni taħt it-18-il sena biex fis-sillabi jew l-attivitajiet tagħhom, jiżviluppaw edukazzjoni tal-midja u l-internet sabiex jgħallmu lill-persuni taħt it-18-il sena jirreaġixxu b'mod li jistgħu jsalvawhom mill-ħsara. Huwa kruċjali li persuni taħt it-18-il sena jiġu mgħallma kif jużaw l-internet b'mod sikur.

Emenda 89

**Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 4 ittra c (ġdida)**

4c. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li miżuri edukattivi jiġu inklużi fl-għanijiet u l-valuri li fuqhom ikunu msejsa l-livelli kollha tal-edukazzjoni. Hu essenzjali li jiġu żviluppati attitudnijiet li huma msawra mir-rispett u l-ġustizzja, li jippermettu li lill-persuni taħt it-18-il sena jiżviluppaw rispett għalihom infushom u għall-oħrajn, kif ukoll rispett għall-istituzzjonijiet u għall-ambjent tagħhom. Huwa biss fil-każ li xi ħadd ikun lest jismagħhom li l-persuni taħt it-18-il sena jkunu jistgħu jsiru konxji ta' kwalunkwe abbuż li jkunu ġew soġġetti għalih jew jirrikonoxxu sitwazzjoni skomda jew intrużiva li jkunu għaddew minnha.

Emenda 90

Proposta għal direttiva Artikolu 19 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Protezzjoni ta' vittmi **tfal**
f'investigazzjonijiet kriminali u fi
proċedimenti

Emenda

Il-Protezzjoni ta' vittmi
f'investigazzjonijiet kriminali u fi
proċedimenti

Emenda 91

Proposta għal direttiva Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li f'investigazzjonijiet kriminali u proċedimenti, l-awtoritajiet ġudizzjarji jappuntaw rappreżentant speċjali għat-tfal vittmi fejn, bil-liġi tal-pajjiż, dawk li għandhom ir-responsabbiltà ta' ġenitur

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li f'investigazzjonijiet kriminali u proċedimenti, l-awtoritajiet ġudizzjarji jappuntaw rappreżentant speċjali għat-tfal vittmi fejn, bil-liġi tal-pajjiż, dawk li għandhom ir-responsabbiltà ta' ġenitur

huma preklużi milli jirrappreżentaw **lit-tfal** bħala riżultat ta' kunflitt ta' interess bejniethom u **t-tfal** vittmi, jew fejn **it-tfal** mhumiex akkumpanjati jew huma separati mill-familja.

huma preklużi milli jirrappreżentaw **lill-persuna taħt it-18-il sena** bħala riżultat ta' kunflitt ta' interess bejniethom u **l-persuni taħt it-18-il sena li jkunu** vittmi, jew fejn **dawn** mhumiex akkumpanjati jew huma separati mill-familja. **Il-vittma għandha tiġi kkonsultata qabel ma tittieħed id-deċiżjoni.**

Emenda 92

Proposta għal direttiva Artikolu 19 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li **t-tfal** vittmi jkollhom aċċess immedjat għal parir legali b'xejn u għal rappreżentanza legali b'xejn, inkluż għall-għan ta' talba għall-kumpens.

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li vittmi **taħt it-18-il sena** jkollhom aċċess immedjat għal parir legali b'xejn u għal rappreżentanza legali b'xejn, inkluż għall-għan ta' talba għall-kumpens.

Emenda 93

Proposta għal direttiva Artikolu 19 – paragrafu 3 – ittra a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) l-intervisti **mat-tfal vittmi** jsiru mingħajr dewmien mhux ġustifikat wara li l-fatti jkunu ġew irrappurtati lill-awtoritajiet kompetenti;

Emenda

(a) **Bħala prinċipju**, l-intervisti **mal-vittmi taħt it-18-il sena** jsiru mingħajr dewmien mhux ġustifikat wara li l-fatti jkunu ġew irrappurtati lill-awtoritajiet kompetenti;

Emenda 94

Proposta għal direttiva Artikolu 19 – paragrafu 3 – ittra b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) l-intervisti **mat-tfal vittmi** jsiru, **fejn meħtieġ**, f'post imfassal u adattat għal dan il-għan;

Emenda

(b) l-intervisti **mal-vittmi taħt it-18-il sena** jsiru, **bħala prinċipju**, f'post imfassal u adattat għal dan il-għan;

Emenda 95

Proposta għal direttiva Artikolu 19 – paragrafu 3 – ittra c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) l-intervisti **mat-tfal vittmi** jitwettqu minn jew permezz ta' professjonisti mħarrġa għal dan il-għan;

Emenda

(c) l-intervisti **mal-vittmi taħt it-18-il sena** jitwettqu, **bħala prinċipju**, minn jew permezz ta' professjonisti mħarrġa għal dan il-għan;

Emenda 96

Proposta għal direttiva Artikolu 19 – paragrafu 3 – ittra d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) l-istess persuni, **jekk possibbli u fejn xieraq**, imexxu l-intervisti kollha **mat-tfal vittmi**;

Emenda

(d) **Bħala prinċipju**, l-istess persuni **għandhom** imexxu l-intervisti kollha **mal-vittmi taht it-18-il sena**;

Emenda 97

Proposta għal direttiva Artikolu 19 – paragrafu 3 – ittra f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) **it-tfal vittmi** jistgħu jkunu akkumpanjati mir-rappreżentant legali tagħhom jew, fejn xieraq, adult tal-għażla tagħhom, sakemm ma tkunx ittieħdet deċiżjoni bil-maqlub b'raġuni biżżejjed rigward dik il-persuna.

Emenda

(f) **vittmi taħt it-18-il sena** jistgħu jkunu akkumpanjati mir-rappreżentant legali tagħhom jew, fejn xieraq, adult tal-għażla tagħhom, sakemm ma tkunx ittieħdet deċiżjoni bil-maqlub b'raġuni biżżejjed rigward dik il-persuna.

Emenda 98

Proposta għal direttiva Artikolu 19 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżgura li

Emenda

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżgura li

f'investigazzjonijiet kriminali ta' kwalunkwe mir-reati imsemmija fl-Artikoli 3 sa 7 l-intervisti kollha **mat-tfal vittmi** jew, fejn xieraq, ma' **tfal** xhieda, issir reġistrazzjoni awdjoviżiva tagħhom u dawn ir-reġistrazzjonijiet awdjoviżivi jistgħu jkunu użati bħala evidenza fil-proċedimenti tal-qorti, b'konformità mar-regoli taħt il-liġi ta' pajjiżu.

Emenda 99

Proposta għal direttiva Artikolu 19 – paragrafu 5 – ittra b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) **it-tfal vittmi** jkunu jistgħu jagħtu xhieda mingħajr ma jkunu preżenti fl-awla tal-qorti, partikolarment bl-użu ta' teknoloġiji ta' komunikazzjoni xierqa.

Emenda 100

Proposta għal direttiva Artikolu 20 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jiżguraw li programmi jew miżuri ta' intervent effettivi jkunu disponibbli bil-għan li jimpedixxu u jnaqqsu kemm jista' jkun ir-riskji ta' reati ripetuti ta' natura sesswali kontra **t-tfal**. Dawn il-programmi jew passi bħal dawn għandhom ikunu aċċessibbli fi kwalunkwe ħin matul il-proċedimenti kriminali, kemm ġewwa u kif ukoll barra mill-ħabs, skont il-kundizzjonijiet stipulati fil-liġi tal-pajjiż.

f'investigazzjonijiet kriminali ta' kwalunkwe mir-reati imsemmija fl-Artikoli 3 sa 7 l-intervisti kollha **mal-vittmi taħt it-18-il sena** jew, fejn xieraq, ma' xhieda **taħt it-18-il sena**, issir reġistrazzjoni awdjoviżiva tagħhom u dawn ir-reġistrazzjonijiet awdjoviżivi jistgħu jkunu użati bħala evidenza fil-proċedimenti tal-qorti, b'konformità mar-regoli taħt il-liġi ta' pajjiżu.

Emenda

(b) **vittmi taħt it-18-il sena** jkunu jistgħu jagħtu xhieda mingħajr ma jkunu preżenti **direttament** fl-awla tal-qorti, partikolarment bl-użu ta' teknoloġiji ta' komunikazzjoni xierqa.

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jiżguraw li programmi jew miżuri ta' intervent effettivi jkunu disponibbli bil-għan li jimpedixxu u jnaqqsu kemm jista' jkun ir-riskji ta' reati ripetuti ta' natura sesswali kontra **persuni taħt it-18-il sena**. Dawn il-programmi jew passi bħal dawn għandhom ikunu aċċessibbli fi kwalunkwe ħin matul il-proċedimenti kriminali, kemm ġewwa u kif ukoll barra mill-ħabs, skont il-kundizzjonijiet stipulati fil-liġi tal-pajjiż.

Emenda 101

Proposta għal direttiva

Artikolu 20 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Tali programmi jew miżuri ta' intervent għandhom jiġu adattati biex jissodisfaw il-ħtiġiet speċifiċi għall-iżvilupp ***tat-tfal*** li jwettqu offiċa sesswali, inklużi dawk li huma taħt l-età ta' responsabbiltà kriminali.

Emenda

Tali programmi jew miżuri ta' intervent għandhom jiġu adattati biex jissodisfaw il-ħtiġiet speċifiċi għall-iżvilupp ***tal-persuni*** li jwettqu offiċa sesswali, inklużi dawk li huma taħt l-età ta' responsabbiltà kriminali.

Emenda 102

Proposta għal direttiva

Artikolu 20 – ittra a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 20a

Miżuri preventivi

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri biex isaħħu l-protezzjoni tad-drittijiet tal-persuni taħt it-18-il sena kontra terzi persuni li jaħdmu ma' persuni taħt it-18-il sena fis-setturi tal-educazzjoni, is-saħħa, il-protezzjoni soċjali, il-ġustizzja, il-pulizija kif ukoll fl-oqsma relatati mal-isport, il-kultura u d-divertiment. Miżuri bħal dawn jinkludu tagħlim dwar kif wieħed juża l-mezzi tax-xandir u tal-komunikazzjoni, b'bidu minn età żgħira ħafna, li tagħmilha possibbli li l-persuni taħt it-18-il sena jkunu kapaċi jużaw bla periklu t-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u tinformahom dwar perikli fil-konfront tagħhom. Il-ġenituri, l-istituzzjonijiet akkademiċi u dawk tal-educazzjoni ekstrakurrikulari għandhom jipparteċipaw f'din il-ħidma edukattiva bl-istess mod.

2. L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu lill-mezzi tax-xandir

jipparteċipaw fil-missjoni edukattiva u informattiva tagħhom dwar it-tagħlim tal-litteriżmu medjatiku.

3. L-Istati Membri għandhom iħeġġu lis-settur privat, b'mod partikulari l-oqsma tat-teknoloġija tal-informazzjoni, il-komunikazzjonijiet, it-turiżmu, is-settur bankarju u tal-finanza u s-soċjetà ċivili, biex jieħdu sehem fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' politiki għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż u l-isfruttament sesswali tal-persuni taħt it-18-il sena, permezz ta' regoli dwar l-awtoregolamentazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti.

4. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-finanzi meħtieġa permezz tat-twaqqif ta' fondi speċjali għall-implimentazzjoni ta' proġetti u programmi għall-prevenzjoni tal-isfruttament u l-abbuż sesswali u għall-protezzjoni tal-persuna taħt it-18-il sena mill-abbuż u l-isfruttament sesswali.

5. Fil-kuntest tad-djalogu strutturat, il-Kummissjoni għandha tappoġġja lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom u għandha tiżgura li b'mod regolari jiskambjaw informazzjoni dwar il-miżuri li jkunu ħadu. B'dan il-mod, għandha tikkontribwixxi għad-disseminazzjoni tal-mudelli tal-aħjar Prattiki.

Emenda 103

Proposta għal direttiva Artikolu 20 – paragrafu 5 – ittra a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5a. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li, waqt l-edukazzjoni primarja u sekondarja, it-tfal u l-għalliema tagħhom jingħataw informazzjoni dwar ir-riskji relatati mal-isfruttar u l-abbuż sesswali ta' persuni

taħt it-18-il sena, u dwar l-istrumenti ta' protezzjoni eżistenti. Din l-informazzjoni għandha tiffirma parti mill-informazzjoni ġenerali dwar is-sesswalità, b'referenza partikolari għar-riskji relatati mal-użu tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni.

Emenda 104

Proposta għal direttiva Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Artikolu 21

L-imblukkar ta' siti elettroniċi li fihom il-pedopornografija

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jottjenu l-imblukkar ta' aċċess mill-utenti tal-Internet fit-territorju tagħhom għal paġni tal-internet li jkun fihom jew li jqassmu l-pedopornografija. L-imblukkar tal-aċċess għandu jkun suġġett għal salvagwardji adegwati, b'mod partikolari biex jiżguraw li l-imblukkar ikun limitat għal dak li huwa neċessarju, li l-utenti jkunu infurmati bir-aġuni għall-imblukkar u li dawk li jipprovdu l-kontenut, safejn hu possibbli, ikunu infurmati bil-possibbiltà li jikkontestawh.

Emenda

Artikolu 21

Miżuri f'rabta man-netwerks ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni

1. Kull Stat Membru għandu jieħdu l-miżuri neċessarji biex jitħassar immedjatament materjal li jkun fih rappreżentazzjonijiet ta' atti sesswali li jinvolvi persuni taħt it-18-il sena fin-netwerks elettroniċi ta' infomazzjoni u ta' komunikazzjoni. It-tneħħija ta' dan it-tip ta' kontenut għandha titwettaq skont il-proċeduri nazzjonali u bis-salvagwardji xierqa biex jiġi żgurat li titrażżan għal dak li hu strettament meħtieġ. ***Barra minn hekk, l-Unjoni Ewropea għandha twettaq negozjati ma' pajjiżi terzi bil-għan li tiżgura t-tneħħija bi prontezza ta' dan il-kontenut mis-servers fit-territorju tagħhom. Barra minn hekk, l-Istati Membri u l-organi tal-Unjoni kif ukoll il-Europol isaħħu l-koperazzjoni ma' unitajiet ta' intelliġenza internazzjonali bħal INHOPE bil-għan li jitħassar malajr kontenut bħal dan.***

Emenda 105

Proposta għal direttiva Artikolu 21 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Mingħajr preġudizzju għal dak li hawn fuq, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jitneħħew paġni tal-internet li jkun fihom jew li jxerrdu l-pedopornografija.

Emenda

2. Miżuri oħra għall-iskop tan-nuqqas ta' disponibilità ta' kontenut bħal dan, bħal pereżemju l-imblukkar tal-web, huma imposti fuq l-Istati Membri. Huwa essenzjali li jkunu intużaw bis-sħiħ il-miżuri kollha għat-tħassir u fuq din il-bażi għandu jkun hemm provi biżżejjed li mhux possibbli li jsir it-tħassir; barra minn hekk il-miżuri għandhom jillimitaw ruħhom għal dak li hu assolutament meħtieġ u daww milquta mill-miżuri rispettivi għandhom ikunu infurmati bir-raġunijiet. Il-proċedimenti legali huma miftuħa għall-persuni kkonċernati.

Emenda 106

Proposta għal direttiva Artikolu 21 – itra a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 21 a

Rappurtar

Ta' kull sena l-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew dwar il-miżuri applikati fil-livell Ewropew u f'dak internazzjonali biex jitwaqqaf l-abbuż u l-isfruttar sesswali tal-persuni taħt it-18-il sena, biex jitneħħa l-materjal dwar ir-rappreżentazzjoni ta' dawn l-atti sesswali, biex jiġu identifikati t-trasgressuri kif ukoll biex jiġu proċessati legalment u jingħataw sentenza kemm il-produtturi kif ukoll l-utenti. Dan ir-rapport għandu jinkludi wkoll ir-rappreżentazzjoni tal-miżuri meħuda fil-livelli politiċi differenti fil-qasam tal-prevenzjoni, il-protezzjoni tal-vittmi, l-

appoġġ u l-għajuna lill-vittmi.

PROĊEDURA

Titolu	L-abbuż sesswali, l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija, (revoka tad-Deċiżjoni Qafas 2004/68/ĠAI)
Referenzi	COM(2010)0094 – C7-0088/2010 – 2010/0064(COD)
Kumitat responsabbli	LIBE
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	CULT 21.4.2010
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Petra Kammerevert 3.5.2010
Eżami fil-kumitat	14.7.2010
Data tal-adozzjoni	27.10.2010
Riżultat tal-votazzjoni finali	+ : 25 - : 0 0 : 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Magdi Cristiano Allam, Maria Badia i Cutchet, Zoltán Bagó, Malika Benarab-Attou, Lothar Bisky, Piotr Borys, Jean-Marie Cavada, Silvia Costa, Santiago Fisas Ayxela, Petra Kammerevert, Morten Løkkegaard, Marek Henryk Migalski, Doris Pack, Chrysoula Paliadeli, Marie-Thérèse Sanchez-Schmid, Marietje Schaake, Marco Scurria, Joanna Senyszyn, Emil Stoyanov, Hannu Takkula, Sabine Verheyen, Milan Zver
Substitute(s) Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali skont l-Artikolu 187(2)	Ivo Belet, Luigi Berlinguer, Knut Fleckenstein, Nadja Hirsch, Oriol Junqueras Vies, Seán Kelly, Timothy Kirkhope, Iosif Matula, Mitro Repo, Monika Smolková, Rui Tavares, Róża Gräfin von Thun und Hohenstein